**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

KALKARA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## It-9 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 2/25**

11 ta' Frar 2025

Il-Kunsilli Lokali Kalkara Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru,1897 fl-4 ta' wara nofsinhar.

## PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Speranza Chircop | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsilliera |
| Vincent Bongailas | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**

Nadine Micallef - Kunsilliera

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Etienne Scicluna – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa.

**2.25.1** **Qari ta' Ittri ta' Apoloġija**

2.25.1.1 Is-Sa Nadine Micallef bagħtet ittra uffiċjali tinforma lis-Segretarju Eżekuttiv li ser tirriżenja mill-Kunsill Lokali tal-Kalkara. Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra tar-riżenja lill-Kunsill li kien irċieva permezz ta' imejl nhar il-Ħadd 10 ta' Frar 2025 fl-12.23pm.

**2.25.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti**

2.25.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 2.25 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

2.25.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni mis-Sur Vincent Bongailas u sekondati mis-Sa Speranza Chircop l-minuti ta' seduta 2.25 ġew approvati unanimament.

2.25.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokumenti korretti.

**2.25.3** **Punti mill-Minuti Preċedenti**

1.25.4.1 **Tqegħdin ta' Stainless Steel Bins**

Is-Sindku semma' li l-*istainless ste*el bins provduti mill-Esplora tpoġġew fi Ġnien is-Salvatur, fil-Pjazza Sagra, fiż-żona tax-Xewkija u ħdejn il-Librerija Pubblika.

1.25.4.2 **Xogħolijiet ġewwa Villa Portelli**

Wara l-laqgħa tax-xahar li għadda fejn il-Kunsill iddiskuta l-proċess biex tiġi rranġata l-*Annex* ta' Villa Portelli u nkluż il-xogħolijiet amministrattivi. Filfrattemp, intbagħtu l-ħaddiema tal-Kunsill sabiex jibdew inaddfu l-binja mill-affarijiet li fiha ħalli niffaċilitaw il-proċess tar-*refurbishment.*

6.24.5.3 **Festa Ħelu**

Is-Sindku fakkar li l-Kunsill ibbenefika mill-iskema maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali biex titella' l-attivita' Festa Ħelu li ser tkun imżewqa bit-tema ta-Karnival. Huwa żied jgħid li għal din is-sena, ser jipprova jagħtiha dimensjoni simili ta' Festa Ċitru. L-attivita' ser issir fit-23 ta' Frar 2025 bejn id-9am u s-1pm fil-Pjazzetta tal-Bighi.

2.25.3.1 **Kalkara Fun Walk 2025**

Bħal kull sena, il-Kunsill ser jorganizza l-Kalkara Fun Walk. Is-Sindku għamel kuntatt ma' uħud mill-entitajiet ġewwa l-Kalkara biex jagħtu l-għajuna finanzjarja tagħkom. Inizjalment, l-attivita' kienet ser isir fid-19 ta' Marzu iżda minħabba li ser ikun hawn il-marċ fir-raħal, din l-attivita' ser issir fit-23 ta' Marzu. Il-ġbir ta' fondi minn din l-attivita' ser jingħaddu lill-partijiet tal-Kapuċċini fejn dawn imorru għall-familji fil-bżonn. Il-mixja tibda fid-9am wara li tkun spiċċat il-quddiesa u tibqa' ddur xi toroq fil-Kalkara sakemm tispiċċa quddiem l-Esplora.

2.25.3.2 **Kwistonijiet dwar it-Taraġ li jinsab bejn Triq il-Proġress u Triq il-Ġenista**

Is-Sindku talab laqgħa mal-Kap Eżekuttiv ta' Infrastructure Malta u l-periti li ħadu ħsieb ix-xogħolijiet tal-kostruzzjoni ta' dan it-taraġ flimkien mal-Kap Eżekuttiv tal-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' Fuq il-Post tax-Xogħol. Matul il-laqgħa is-Sindku flimkien mal-IM u mal-OHSA huwa esprima t-tħassib tiegħu minħabba l-fatt li ngħalaq l-aċċess tat-taraġ għar-residenti li għandhom l-entratura għad-dar tagħhom permezz ta' *hourding* wara li tlesta l-bini ta' dan it-taraġ. Skont il-periti tal-IM, dan it-taraġ ingħalaq bil-*hourding* wara intervent mill-OHSA biex jiġi żgurat li hemm is-sigurta' minħabba l-fatt li kien għad fadal ċint x'jinbena minn terzi. Madanakollu, is-Sindku rribatta l-argument tal-periti għaliex sakemm inbena l-taraġ ma kienx sar ebda *hourding* bħal prekawzjoni.

Wara diskussjoni fit-tul, kien hemm qbil li l-IM ser tieħu ħsieb li tissottometti Development Notification Order (DNO) quddiem l-Awtorita' tal-Ippjannar ħalli jinbena ħajt/ċint diviżorju bejn iċ-ċint l-ieħor li jrid jinbena minn terżi. Il-periti qalu wkoll li l-istess taraġ ser ikun ukoll *embellished*. Fil-frattemp, il-*hourding* ser jibqa' sakemm jitlestew ix-xogħolijiet hekk maqbula.

2.25.3.3 **L-Ewwel Tlett Skemi maħruġa mid-Diviżjoni Għall-Gvern Lokali Għas-Sena 2025**

Il-Kunsill irċieva kommunikazzjoni mid-Diviżjoni Għall-Gvern Lokali dwar l-ewwel parti tal-pakkett ta' l-iskemi li jista' japplikaw għalihom il-Kunsilli Lokali.

L-ewwel skema titratta l-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025/2026 li tagħlaq fit-18 ta' Marzu 2025. Bħal kull sena, il-Kunsill ser japplika sabiex itella' l-attivita' ta' Lejla Rnella li ssir fis-Sajf.

It-tieni skema titratta Inizjattiva Finanzjarja b'tema 'Lokalitajiet Aktar Nodfa' li tagħlaq fit-22 t' April 2025. Is-sena l-oħra l-Kunsill kien utilizza dawn il-fondi biex organizza attivita' li tinvolvi tindif ta' ċertu toroq fil-lokalita'.

It-tielet skema hija Espressjoni ta' Interess – Milied 2025 li tagħlaq fis-27 ta' Mejju 2025. Is-Sindku huwa tal-opinjoni li wara l-esperjenza tas-sena l-oħra li kien sar it-tiżjin tal-Milied wara li l-Kunsill kien ħareġ Espressjoni ta' Interess, din is-sena ser ikun aktar vantaġġjat billi japplika għall-fondi minflokk isiru talbiet għall-donazzjonijiet għal dan it-tiżjin.

Il-Kunsill iddiskuta t-tlett skemi u qabel unanimament li jiġu sottomessi l-applikazzjonijiet għat-tlett skemi.

**2.25.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

9.24.4.2 **Tibdil ta' Traffic Management ħdejn l-Istabiliment tat-Take Away**

Fit-30 ta' Jannar 2025, sar tibdil fl-immaniġjar tat-Traffiku fejn inbidlu xi sinjali u tabelli tat-traffiku viċin l-istabbiliment tat-Take Away ix-Xatt. Il-Kunsill ser jibgħat rapport lit-Trasport Malta biex jieħu konjizzjoni tiegħu. B'żieda ma dan, il-Kunsill ser ikompli josserva l-andament tat-traffiku wara dan it-tibdil.

Is-Sur Bongailas esprima x-xewqa li jsiru t-*traffic lights* biex jiġi iktar sigur.

**2.25.5 Korrispondenza**

2.25.5.1 **Diskussjoni dwar l-Quarterly Report minn Settembru sa Diċembru 2024 u l-Financial Statements 2024**

Is-Sur Laurence Manicolo, l-*accountant* tal-Kunsill kien preżenti matul il-laqgħa biex offra spjegazzjoni fuq l-aħħar Quarterly Report tas-sena 2024 kif ukoll l-Financial Statements tal-istess sena. Huwa daħal fid-dettal fuq is-sitwazzjoni finanzjarja u semma' li d-*deficit* tal-Kunsill naqas wara li ngħatat għajnuna finanzjarja mid-Diviżjoni Għall-Gvern Lokali. Saru wkoll xi mistoqsijiet mill-Kunsilliera dwar ċertu figuri tal-Financial statements li ser jitwieġbu wara li l-*accountant* jagħmel il-verifika tiegħu.

2.25.5.2 **Skema tat-Tħaddir b'Inizjattivi minn Project Green**

L-aġenzija Project Green se tniedi skema mmirata speċifikament għall-Kunsilli Lokali sabiex inkomplu nżidu l-ammont ta' siġar u arbuxelli madwar il-pajjiż kollu.

Il-Kunsill huwa mitlub li jiddentifika toroq jew żoni mitluqa, fejn jista' jsir tħawwlu siġar fil-lokalita`. Din l-iskema tagħlaq il-Ġimgħa, 21 ta' Frar, 2025.

2.25.5.3 **Vjal Kulhadd**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill li rċieva kommunikazzjoni mingħand Infrastructure Malta dwar il-proġett bl-isem 'Vjal Kulħadd' li l-applikazzjoni tal-Kunsill ma ġietx milqugħa għaliex ser isir ma' proġett ieħor iktar il quddiem tal-iSmaryCity.

**2.25.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera**

Is-Sa Speranza Chircop

2.25.6.1 Fil-5 ta' Frar 2025, il-Kunsill organizza laqgħa ta' konsultazzjoni dwar it-trasport pubbliku fil-Kalkara. Wara l-laqgħa, ser jiġi ppreparat rapport u ser jiġi mgħoddi lit-Transport Malta.

2.25.6.2 Fis-26 ta' Frar 2025, is-Sa Speranza ser torganizza ħarġa kulturali u huwa pjanat li jmorru l-Belt Valletta u jżuru l-Katidral ta' San Gwann, il-Belt Valletta.

2.25.6.3 F'Marzu, is-Sa Speranza ser torganizza ħarga kulturali għall-irġiel.

Is-Sa Maria Sultana

2.25.6.4 Wara l-ewwel laqgħa tal-Kunsill tat-Tfal li saret fl-24 ta' Frar 2025, ser issir it-tieni l-laqgħa fit-18 ta' Frar 2025 u oħra fl-24 ta' Marzu 2025. Is-Sindku flimkien mas-Sa Sultana ser jqassmu l-ittra l-itfal fil-postijiet l-aktar frekwentati bħal-iskola Primarja, il-Katekiżmu u jinfurmaw lill-Kappillan biex jgħid waqt l-avviżi tal-quddies.

2.25.6.5 Is-Sa Sultana fakkret li hija ser tattendi għall-premjazzjoni tal-iskola fil-Verdala.

Is-Sur Vincent Bongailas

2.25.6.6 Is-Sur Bongailas semma' illi matul il-laqgħa li saret għall-persuni b'diżabilita` ma attendewx ħafna nies. Irrimarka wkoll li huwa ma tantx jirċievi lmenti fuq din il-materja.

2.25.6.7 Is-Sur Bongailas irringrazzja lil dawk l-istudenti li pparteċipaw b'mod volontarju għall-kontribuzzjoni tagħhom ġewwa l-Kalkara. Bħala rikonoxximent, l-istudenti ser jingħataw ċertifikat tal-parteċipazzjoni tagħhom maħruġ mill-Kunsill Lokali.

**2.25.7 Punti Ġenerali**

2.25.7.1 Is-Sa Sultana staqsiet meta ser jitneħħa ċ-ċint fi Triq Santa Filomena.

2.25.7.2 Is-Sa Sultana reġgħet qajment il-kwistjoni dwar ir-*roundabout* qabel titla' għall-Esplora. Is-Sindku qal li din il-kwistjoni reġa' eskalaha ma' Transport Malta u talab laqgħa b'urġenza magħhom.

2.25.7.3 Is-Sa Sultana rrimarkat dwar jekk kienx hemm xi aġġornament fuq l-applikazzjoni quddiem l-Awtorita` tal-Ipjannar fi Triq Mattew Sultana k/a ma' Triq it-Turretta. Is-Sindku qal li huwa jinsab iddiżappuntat mal-mod kif terzi persuni qed iżommu aġġornati lir-residenti dwar is-sitwazzjoni mingħajr konoxxenza tal-Kunsill Lokali. Minħabba din is-sitwazzjoni, jidher li hemm nuqqas ta' ftehim ċar. Bħala eżempju ta' dan, huwa qal li meta terzi persuni organizzaw laqgħa għar-residenti, il-Kunsill ma kienx mistieden biex jattendi. Is-Sindku sar jaf b'din il-laqgħa permezz tal-Whatsup u sar jaf ukoll li qed jinġabru xi flus li jammonta għall-€2,500 għaliex beħsiehom jiftħu kawża l-Qorti. U dan sar jafu mil-medja soċjali lbieraħ. Innota wkoll li ftit li xejn qed jikkorespondu mas-Sindku għaliex jidher li r-residenti sabu wens fl-entitajiet u l-NGOs. Huwa żied jgħid illi wara li l-Kunsill għamel laqgħa mal-avukat tal-Kunsill, il-Kunsill ngħata l-parir li hemm terminu ta' sitt xhur sakemm tista' tinfetaħ kawża l-Qorti wara li tkun ġiet ippublikata d-*decision notice* tal-Awtorita tal-Ipjannar. Il-Kunsill ngħata l-parir ukoll li l-kawża tista' tinfetaħ mill-Kunsill jew tkun konġunta, iġifieri tinfetaħ waħda flimkien mar-residenti. Għalhekk f'dan istadju, il-Kunsill

għadu qiegħed jevalwa s-sitwazzjoni qabel ma titieħed deċiżjoni peress li fadal żmien fejn wieħed jista' jiftaħ l-kawża. Fl-ebda istanza, il-Kunsill ma ried jitfa' piż fuq ir-residenti u jħalluhom għal riħhom.

**1.25.8** **Mistoqsijiet lis-Sindku**

1.25.8.1 Ma kienx hemm.

**1.25.9** **Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm.

**1.25.10** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda tal-ħlas kienet intbagħtet permezz tal-imejl lil kull Kunsillier din il-ġimgħa biex kull Kunsillier ikollu ċ-ċans jivverifika qabel japprova l-istess pagamenti.

Fuq proposta tas-Sa Speranza Chircop ssekondata mis-Sur Vincent Bongailas, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti nkluż l-iskeda tal-pagamenti li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

**Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss**

**1.25.11** Is-seduta ntemmet fit-4.20pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 12 ta' Marzu 2025, fil-2.00pm. Il-kumplament tal-Kunsill qabel unamimament.

Konfermati, illum 12 ta' Marzu 2025

**Wayne Aquilina**
**Sindku**

**Etienne Scicluna**
**Segretarju Eżekuttiv**